MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 423/2007

**Martin Chetcuti**

**vs**

**Mimi Hafida**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' elf, tmien mija u erbgha u tlettin ewro u hamsa u erbghin ewro centezmi (€1834.45) gja` Lm787.53, rapprezentanti bilanc ta' zewg kontijiet DRV-50 bid-data tas-27 ta' Dicembru,, 2005 u 17 ta' Jannar, 2006 u dana ghal '*spare part* ' u xoghol ezegwit fuq il-vettura tal-konvenuta (Reg. numru EAF 429).

Illi ghalkemm interpellata wkoll b'ittra legali baqghet ma hallsitx.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata minn Lino Grech fit-23 ta' Gunju, 2008 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------